# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 220/2015**

Il-Pulizija

vs

**Anthony Zahra**

iben Joseph, imwieled Pieta', fit-23 ta' Dicembru, 1961, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 25162(M)

Illum, 10 ta' Novembru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Anthony Zahra quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli ghax-xahar ta' Novembru, 2014 hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil martu Louise Zahra u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-22 ta' April, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u ghaldaqstant

illiberatu li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar ai terminu tal-Artikolu 22 tal-kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta. Ordnat lill-imputat ihallas is-somma ta’ mija u tlieta u tletin euro (€133) fi zmien xahar ai terminu tal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant Anthony Zahra pprezentat fil-5 ta’ Mejju, 2015 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tilqa dan l-appell billi **THASSAR u TIRREVOKA** s-sentenza appellata fejn l-appellant instab hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u minflok **TILLIBBERAH** minn kull imputazzjoni, htija u piena; sussidjarjament **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata billi **TVARJA** l-piena inflitta u tinfliggi **piena aktar ekwa u gusta** ghal kaz odjern.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fl-ewwel lok jigi rilevat illi l-appellant jissottometti illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti quddiema u dan kif se jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta’ dan l-appell.

Illi jigi rilevat illi skont id-digriet numru 1447/11 mahrug mill-Qorti Civili mill-Onor. Imhallef Abigail Lofaro LL.D, l-appellant kien obbligat illi ihallas lill-parte civile, Louise Zahra, s-somma ta’ erba’ mitt ewro (€400) fix-xahar bhala manteniment ghal uliedhom minuri. L-appellant jissottometti li l-obbligu tal-manteniment versu l-ulied jieqaf *ipso jure* meta l-istess l-ulied jilhqu maggorenni u cioe' jaqghlu l-eta’ ta’ tmintax-il sena (18). Huwa biss meta l-ulied ikomplu jistudjaw *full-time* jew ikollhom diżabilità kemm jekk fizika jew mentali kif imfissra fl-Att dwar Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b’Diżabilità, illi l-manteniment irid ikompli jigi versat mill-genituri fil-konfront ta’ uliedhom. Dan ghaliex meta l-ulied jaghlqu tmintax-il sena (18) huma jkunu jistghu jahdmu u ghalhekk ikun possibli ghalihom illi jmantnu lilhom infushom minghajr l-ghajnuna finanzjajra tal-genituri taghhom. Tant hu hekk, illi meta allavolja l-ulied jaghlqu tmintax-il sena izda l-manteniment jkun dovut xorta minhabba li jkomplu jistudjaw jew minhabba xi tip ta’ dizabilita’, l-istess manteniment jkun dovut direttament lill-ulied u mhux lill-genituri tal-ulied u ghalhekk f’certu cirkostanzi l-manteniment dovut ikun pagabbli direttament lill-ulied.

Illi fil-kaz odjern, l-appellant naqas milli jaghti parti mill-manteniment lill-parte civile mhux kappriccjosament izda peress illi manteniment versu wahda mill-ulied ma kienx dovut stante illi l-istess wild ghalqet tmintax-il sena. L-appellant naqas biss milli jaghtiha parti mill-manteniment u taha s-somma ta' mitejn u sitta u sittin ewro (€266) minflok l-erba mitt ewro (€400) kif ordnat permezz ta' digriet tal-Qorti, peress illi wahda mill-ulied ghalqet it-tmintax-il sena.

Illi tant hu hekk illi l-istess digriet mahrug mill-Imhallef Abigail Lofaro enumerat 1447/2011 illi fuqu ghamlet rapport il-parti civile fil-konfront tal-appellant specifikament jordna lill-appellant biex jaghti "manteniment ghal **uliedu minuri** s-somma ta' erba mitt ewro (€400) kull erba' (4) gimghat." L-istess digriet ghalhekk jispecifika illi l-manteniment dovut mill-appellant kien fil-konfront ta' **uliedu minuri**. Dan ifisser illi l-manteniment dovut mill-appellant kien biss ghal uliedu meta jkunu minuri u mhux meta jaghlqu l-eta' ta' tmintax-il sena (18). Illi ghalhekk l-appellant jirrileva iktar u iktar illi hu ottempora mal-istess digriet stante illi l-manteniment dovut minnu kien fil-konfront ta' uliedu meta jkunu minuri u ghalhekk peress illi wild minnhom ghalqet l-eta' ta' tmintax-il sena (18) kien gustifikat illi jnaqqas l-ammont ta' manteniment dovut minnu.

Illi inoltre, l-appellant stess kien sahansitra nforma lill-parte civile permezz ta' ittra legali mibghuta minnu li l-manteniment kien se jonqsilha minn erba' mitt ewro (€400) ghal mitejn u sitta u sittin ewro (€266) peress illi wahda mill-ulied kienet ghalqet it-tmintax-il sena (18). Ghaldaqstant, stante illi l-parte civile naqset milli taghmel korrispondenza halli twiegeb ghall-istess ittra, tacitament ikkonfermat dak kontenut fl-ittra mibghuta mill-appellant.

Inoltre, l-appellant jirrileva illi kif inqtal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Publius Said** deciza fid-9 ta' Lulju tas-sena 2003 u f'diversi sentenzi sussegwenti:

"l-għan ewlieni tal-leġislatur meta ntroduċa din il-kontravvenzjoni [referenza ghar-reat kontravvenzjonali kontemplat fl-artikolu 338(z) tal-Kap. 9 xi ftit tas-snin ilu kien li jġib pressjoni

fuq persuni li jkunu riluttanti li jħallsu manteniment lid-dipendenti tagħhom u mhux li jippunixxi biss għall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal għandhom dejjem jiġu obduti u osservati skrupolożament.”

Ghalhekk, kif inqtal mill-Qrati Maltin l-ghan ewlieni f’din id-disposizzjoni ma kienx dak retributtiv izda biss li jaghti pressjoni fuq persuni li ma jkunux hallsu l-manteniment sabiex ihallsu dak stipulat. Ghalhekk tenut kont ta’ dawn ic-cirkostanzi, l-Ewwel Qorti ma kelliex issib htija fl-appellant peress illi fil-kaz odjern l-appellant kien hallas dak dovut minnu u cioe' l-ammont ta’ mitejn u sitta u sittin ewro (€266) bhala parti mill-manteniment dovut minnu ghall-uliedu maggorenni u ma hallasx biss il-bqija tal-manteniment u cioe’ mija u erbgha u tletin euro (€134) peress illi wahda mill-ulied tieghu kienet ghalqet it-tmintax-il sena (18) u allura l-ebda manteniment ma kien dovut fil-konfront tal-istess wild.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tal-10 ta' Novembru, 2017 il-parte civile nfurmat lill-Qorti li thallset l-ammont dovut skont l-akkuza.

Ghaldastant, din il-Qorti tichad l-appell ta' Anthony Zahra u tikkonferma s-sentenza appellata.